**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 162**
**It-Tlieta, 31 ta' Ottubru, 2023 fl-4:00 p.m.**

**PJAN GĦAL PERSUNI LI MINĦABBA PROBLEMA TA' DROGA HUMA HOMELESS**

**11026. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xi pjanijiet għandu l-Gvern biex jindirizza l-bżonnijiet ta' persuni li minħabba problema ta' droga, jispiċċaw homeless?

10/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**PJAN GĦAL PERSUNI LI MINĦABBA PROBLEMA TA' DROGA HUMA HOMELESS**

**11027. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet għandu l-Gvern biex jindirizza l-bżonnijiet ta' persuni li minħabba problema ta' droga jispiċċaw homeless?

10/07/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**PERSUNI LI GĦAMLU UŻU MILL-HELPLINE 1579**

**11028. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm persuni kkuntattjaw il-Helpline 1579, f'kull xahar minn mindu ġie mniedi f'Novembru 2023?

10/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li il-Mental Health Helpline ħa 7,252 telefonati mindu ġie mniedi f'Novembru 2022.
It-tabella t'hawn taħt turi l-informazzjoni mitluba.

| | | |
|---|---|---|
| Novembru | 2022 | 331 |
| Diċembru | 2022 | 580 |
| Jannar | 2023 | 495 |
| Frar | 2023 | 433 |
| Marzu | 2023 | 666 |
| April | 2023 | 608 |
| Mejju | 2023 | 630 |
| Ġunju | 2023 | 612 |
| Lulju | 2023 | 706 |
| Awwissu | 2023 | 690 |
| Settembru | 2023 | 739 |
| Ottubru | 2023 | 762 |

Seduta 162
31/10/2023

**SHELTERS GĦAL PERSUNI BI PROBLEMA TA' DROGA**

**11029. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Peress li bħalissa shelters għall-persuni homeless ma jaċċettawx persuni li jkunu qed jużaw id-droga u peress li x-shelters tal-emerġenza jaċċettaw persuni għal ftit ġranet biss, jista' l-Ministru jgħid il-Gvern għandux pjan li joffri xi tip ta' akkomodazzjoni b'sapport għal persuni li għandhom problema tad-droga kif ukoll homeless (qed nirreferi għal persuni li ma jkunux għadhom lesti li jagħmlu programm ta' rijabilitazzjoni u ħafna drabi jispiċċaw barra t-triq, jittallbu)?

10/07/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nibda billi ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, l-Ministeru għandu numru ta' Public Social Partnerships ma' għadd ta' NGOs li joffru servizz lil dawk il-persuni li m'għandhomx saqaf fuq rashom.

L-NGOs li qed issir referenza għalihom huma:
1. Dar Patri Leopoldu
2. Dar Tereża Spinelli
(Dar Patri Leopoldu u Dar Tereża Spinelli t-tnejn immexxija mill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem tal-Patrijiet Kappuċċini)
3. Il-YMCA Communal Home
4. Dar Nikki Cassar
(YMCA Communal Home u Dar Nikki Cassar it-tnejn immexxija mill-NGO YMCA Valletta)
5. Dar Emmaus
(Dar Emmaus hija immexxija mill-Fondazzjoni Kenn u Tama ġewwa Għawdex) u
6. Dar Papa Franġisku u Dar Maria Dolores
(Dar Papa Franġisku u Dar Maria Dolores huma immexxija minn Fondazzjoni Dar il-Hena li hija inizjattiva bejn aġenda privata, CARITAS Malta u dan il-Ministru).

Matul din is-sena dawn l-entitajiet qed jirċievu bejniethom total ta' € 1,998,580 bħala ħlas dirett mill-Ministeru għas-servizz li jagħtu.
Dawn id-djar kollha għandhom regola, fost regoli oħrajn, li ma jaċċettawx persuni li jkollhom "problema ta' droga".

Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li mhuwiex l-każ li dawn in-nies jispiċċaw barra t-triq u dan għal żewġ raġunijiet;
L-ewwel nett, id-djar ta' Fondazzjoni Dar il-Hena jaċċettaw nies li jkunu qed jirċievu trattament għall-problema tagħhom u jkunu stabbli fl-imġieba tagħhom għax ikunu qed isegwu t-trattament indikat lilhom.
It-tieni nett, ninsab infurmat li sa issa dawk il-persuni li ma jaqgħux f'din il-kategorija, jiġifieri li għandhom problema ta' droga, iżda ma huma jieħdu l-ebda trattament, qegħdin jagħmlu referral għall-Isptar Monte Carmeli fejn qed jiġu aċċettati minħabba kundizzjonijiet oħra ta' saħħa mentali. Għaldaqstant mhux korrett li wieħed jgħid li dawn l-persuni qed jispiċċaw barra jittallbu, anki għaliex huma jikkwalifikaw wkoll għal ċerti benefiċċji soċjali.

Il-problema tkun li jista' jagħti l-każ li l-benefiċċji li huma ntitolati għalihom ma jiġux utilizzati bl-aħjar mod mill-benefiċċjarji.

Seduta 162
31/10/2023

**KUNSILL TAL-INFERMIERA U L-QWIEBEL – INFERMIERA MINN PAJJIŻI BARRA MILL-UE**

**11184. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm infermiera minn pajjiżi minn barra mill-UE, "third country nationals", li huma reġistrati mal-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel bejn Awwissu 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/08/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi n-numru ta'infermiera minn pajjiżi barra mill-UE li ġew irreġistrati fid-data mitluba minnha huwa dak ta' 64.

Seduta 162
31/10/2023

**KUNSILL TAL-INFERMIERA U L-QWIEBEL – INFERMIERA MINN PAJJIŻI BARRA MILL-UE**

**11185. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm infermiera li ġejjin minn pajjiżi barra mill-UE u li huma rreġistrati mal-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel bejn Awwissu 2023, maqsuma pajjiż pajjiż, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/08/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba minnha tinsab fit-tabella hawn taħt:

| Number of Non EU nurses registered from August 23 to 7th September 23 | Indian | Pakistani | Colombian |
|---|---|---|---|
| | 60 | 3 | 1 |

Seduta 162
31/10/2023

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - PERSUNI LI ILHOM AKTAR MINN GĦAXAR SNIN FUQ IL-LISTA TA' STENNIJA**

**11316. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikanti li ilhom aktar minn għaxar snin fuq il-lista ta' stennija għal akkomodazzjoni soċjali?

06/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar għandha 208 applikant li ilhom aktar minn għaxar snin fuq il-lista ta' stennija għal akkomodazzjoni soċjali.

Seduta 162
31/10/2023

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - APPLIKAZZJONIJIET MHUX PROĊESSATI**

**11317. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni għall-akkomodazzjoni soċjali ma setgħetx tiġi proċessata minn Jannar ta' din is-sena u x'kienu r-raġunijiet?

06/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Jannar 2023 sas-17 ta' Ottubru 2023 kien hemm total ta' 280 applikazzjoni għall-akkomodazzjoni soċjali li ma setgħux jiġu pproċessati skont it-tabella t'hawn taħt:

| **Raġuni** | **Total** |
|---|---|
| Applikazzjonijiet invalidi ħabba d-dħul tal-applikant | 129 |
| Applikazzjonijiet mhux kompluti | 141 |
| Mhux skont il-kundizzjonijiet stipulati tal-iskema | 10 |

Seduta 162
31/10/2023

**PERSUNI MILQUTA B'ORDNI TA' REKWIŻIZZJONI**

**11318. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm fadal persuni milquta b'Ordni ta' Rekwiżizzjoni u jekk hemmx pjan u time frame għal meta dawn se jiġu rilaxxati?

06/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar għandha 118 persuni/familji jgħixu fi proprjetà milquta b'Ordni ta' Rekwiżizzjoni. Inżid ukoll li qed isir pjan fejn qed jiġu studjati l-każijiet pendenti fuq bażi individwali.

Seduta 162
31/10/2023

**DJAR TAL-ANZJANI TAL-GVERN - LISTA TA' STENNIJA**

**11319. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm anzjani fuq il-lista ta' stennija biex jidħlu fi Djar tal-Anzjani tal-Gvern għal din l-aħħar sena?

06/09/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-aħħar ta' Settembru kien hemm 1,857 anzjan/a li qegħdin fil-lista ta' stennija biex jidħlu f'dar residenzjali tal-Gvern.

Seduta 162
31/10/2023

**BLOKOK TAL-GVERN - NUQQAS TA' KOPERAZZJONI MIR-RESIDENTI**

**11320. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'jiġri meta xi ħadd mir-residenti fi blokka ma jikkoperax għal xogħol li jsir f'partijiet komuni fil-condominium? Jista' jgħid ukoll kemm hemm każi ta' units li ma jikkoperawx u x'raġuni jagħtu?

06/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jekk xi ħadd mir-residenti fi blokka ma jikkoperax għal xogħol li jsir f'partijiet komuni fil-condominium, uffiċjali mill-Awtorità jmorru fuq il-post sabiex ikellmuhom u jibqgħu jassistu lir-residenti sakemm jilħqu ftehim.

Seduta 162
31/10/2023

**SUSSIDJU**

**11321. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li qegħdin jieħdu sussidju fil-preżent?

06/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent 3,360 persuni qegħdin jieħdu sussidju fuq il-kera waqt li 912 oħra qegħdin jieħdu sussidju fuq il-kera liġiet awmentata mill-Bord li Jirregola il-Kera (kera qabel 1995).

Seduta 162
31/10/2023

**RAĦAL ĠDID - ŻBIR TA' SIĠRA LI QIEGĦDA TAGĦMEL IL-ĦSARA LILL-PROPRJETÀ**

**11554. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li s-siġra li hemm fuq wara tal-proprjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tiġi miżbura billi qiegħda tagħmel il-ħsara lill-proprjetà?

28/09/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat. Is-siġra tinsab f'art tal-eks ground tal-futbol Pace Grasso.

Seduta 162
31/10/2023

**RAĦAL ĠDID - ŻBIR TA' SIĠRA LI QIEGĦDA TAGĦMEL IL-ĦSARA LILL-PROPRJETÀ**

**11555. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jara li s-siġra li hemm fuq wara tal-proprjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tiġi miżbura billi qiegħda tagħmel il-ħsara lill-proprjetà?

28/09/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**RAĦAL ĠDID - ŻBIR TA' SIĠRA LI QIEGĦDA TAGĦMEL IL-ĦSARA LILL-PROPRJETÀ**

**11556. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jara li s-siġra li hemm fuq wara tal-proprjetà li d-dettalji dwarha qed tingħata separatament tiġi miżbura billi qiegħda tagħmel il-ħsara lill-proprjetà?

28/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**RAĦAL ĠDID - TRIQ VALLETTA - XOGĦLIJIET**

**11557. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qegħdin isiru fi Triq Valletta f'Raħal Ġdid u kemm ser idumu għaddejjin?

28/09/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**RAĦAL ĠDID - DĦUL EFFETTIV MINN KONTRAVENZJONIJIET TAT-TRAFFIKU**

**11558. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul effettiv minn kontravenzjonijiet tat-traffiku li saru mill-2020 sal-aħħar ta' Ġunju 2023 fil-lokalità ta' Raħal Ġdid?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dħul minn kontravenzjonijiet huwa wieħed fluwidu minħabba n-natura tal-proċessi leġiżlattivi. Dan jinkludi l-fakultà tal-allegatt offensur li jissottometti petizzjoni, li jsegwi bis-smigħ tal-każ quddiem it-tribunal lokali. Dan jerġa' jiġi segwit b'żewġ possibiltatjiet ta' appell, u li huma: 1) is-sottomissjoni ta' petizzjoni, jew 2) appell quddiem il-qrati tal-ġustizzja. Dan il-proċess jieħu ż-żmien u l-proċess kollu jissupera sena, u għaldaqstant tal-informazzjoni kif mitluba, ma tistax tiġi konkluża.

Seduta 162
31/10/2023

**RAĦAL ĠDID - TRIQ VALLETTA - XOGĦLIJIET**

**11559. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qegħdin isiru fi Triq Valletta f'Raħal Ġdid u kemm ser idumu għaddejjin?

28/09/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet imsemmija fi Triq Valletta f'Raħal Ġdid, jinkludu xogħlijiet ta' trinek għas-servizzi proposti, segwiti minn bankini ġodda, skavar u bini mill-ġdid tat-triq. Waqt ix-xogħlijiet instab li l-kompożizzjoni tal-materjal ta' taħt l-art kien ta' kwalità inferjuri b'dan wassal għal ħsarat fuq servizzi mgħoddija taħt l-art. Infrastructure Malta ħadet ħsieb li tikkordina t-tiswija ta' dawn is-servizzi mal-entitajiet konċernati. Ix-xogħolijiet mistennija jkunu lesti għal Marzu tas-sena d-dieħla.

Seduta 162
31/10/2023

**ERA - RAPPORTI DWAR IRWEJJAĦ TA' TARMAK JEW QATRAN MINN IMPJANT**

**12312. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11865 dwar rapporti minn residenti ġewwa l-Iklin, il-Għargħur, San Ġiljan u San Ġwann lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) dwar irwejjaħ ta' tarmak jew qatran minn impjant li jinsab fil-viċinanzi, jista' l-Ministru jgħid jekk l-istess impjant indikat huwiex konformi mal-kundizzjonijiet tal-permessi maħruġa?

13/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema impjant qed jirreferi.

Seduta 162
31/10/2023

**DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI – ILMENT MINN RESIDENTI**

**12313. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għal ilment li sar erba' xhur ilu minn numru ta' residenti lid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali (Sanità) bit-tracking number 2351/2023, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan l-ilment u t-tweġiba għalih?

13/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**KSUR TAL-ATT DWAR IL-KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI**

**12371. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2020, sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il persuna ġiet akkużata li kkonċediet fond, jew spazju separat fih, għal skop residenzjali, li ma kienx skont l-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati (Kap 604 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jgħid ukoll l-età, is-sess u n-nazzjonalità tal-persuni li ġew akkużati, kemm-il persuna nstabet ħatja u x'kienet il-piena li ngħatat mill-Qorti?

16/10/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mis-sena 2020 sal-lum*l-ammont ta' akkużili nħarġu ammontaw għal 53.
Is-Sess u n-Nazzjonalità huma s-segwenti; 36 ta' sess maskili filwaqt 21 ta' sess femminili.
Fir-Rigward ta' Nazzjonalità; 53 Maltin, 2 Taljani, 1 Spanjol u 1 mill-Georgia.
L-Awtorità tad-Djar m'għandiex informazzjoni dwar l-età tagħhom.
L-ammont ta' persuni ħatja għas-sentenzi li ġew maqtugħa bejn is-sena 2020 u llum* jammontaw għal 15-il persuna fejn il-pieni tal-multi li ngħataw kienu s-segwenti:- €3,000 (2), € 2,500 (12) u €50 (1).
*19 ta' Ottubru 2023

Seduta 162
31/10/2023

**PANEL TA' ARBITRAĠĠ – TALBIET GĦAL KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI**

**12372. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2020, sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il talba tressqet quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ għal kirjiet residenzjali privati? Jista' jgħid ukoll dwar liema kwistjonijiet tressqu l-imsemmija talbiet, kemm minnhom ġew deċiżi u kemm minnhom għadhom pendenti?

16/10/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mis-sena 2020 sal-lum*, tilwim quddiem il-Panel ta' Arbitraġġ Għal Kirjiet Residenzjali Privati tressqu sitt mija, ħamsau għoxrin (625); minnhom ġew deċiżi mill-Panel tliet mija u ħamsa u disgħin (395) filwaqt li erbgħa u tmenin (84) tilwima ġew irtirati. Tilwim pendenti n-notifika tal-intimat hemm mija u sitta u erbgħin (146).
Tilwim li jinsab fuq l-Aġenda tal-laqgħa tal-Panel li jmiss hemm tmienja (8), tlieta (3) minn liema għandhom talba għall-irtirar tat-tilwima. Apparti dawn it-tmienja (8) msemmija, tilwim li qed jistenna deċiżjoni tal-Panel m'hemmx, u hemm biss tilwim pendenti n-notifika tal-intimat.
Primarjament il-kwistjonijiet imressqa quddiem il-Panel jikkonċernaw: depożiti, kontijiet tal-utilitajiet u danni li ma jaqbżux il-ħamest elef Ewro (€5,000) f'valur totali u li ma jikkonċernawx l-iżgumbramenti li jibqgħu kompetenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera u l-Qrati Ordinarji.
*23 ta' Ottubru 2023

Seduta 162
31/10/2023

**ARTIKOLU 195(5)(A) TAL-KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI - RIKORSI**

**12404. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2007, sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il rikors ġie ppreżentat lill-Prim Imħallef skont dak li jipprovdi l-artikolu 195(5)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn ir-rikorsi ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti?

16/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mis-sena 2007 sal-lum ġew preżentati żewġ (2) rikorsi lill-Prim Imħallef skont dak li jipprovdi l-artikolu 195(5)(a) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili. Dawn iż-żewġ rikorsi ġew miċħuda.

Seduta 162
31/10/2023

**ARTIKOLU 195(5)(B) TAL-KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI - RIKORSI**

**12405. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2007, sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il rikors ġie ppreżentat lill-Prim Imħallef skont dak li jipprovdi l-artikolu 195(5)(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn ir-rikorsi ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti?

16/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mis-sena 2007 sal-lum ġew preżentati erbgħa u tletin (34) rikors lill-Prim Imħallef skont dak li jipprovdi l-artikolu 195(5)(b) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili. Minn dawn ir-rikorsi, tnejn u tletin (32) minnhom ġew eżawriti peress li d-deċiżjoni kienet laħqet ġiet pronunzjata u ż-żewġ (2) rikorsi l-oħra, il-Ġudikant astjena mill-każ wara li ġiet milqugħa talba ta' rikuża.

Seduta 162
31/10/2023

**GĦOTI TA' KUNTRATTI GĦALL-PROVVISTA TA' SERVIZZI, ĦWEJJEĠ U XOGĦLIJIET LIS-SERVIZZ PUBBLIKU U LIS-SETTUR PUBBLIKU**

**12413. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9545 u jgħid kemm-il kuntratt ingħata taħt il-proċedura negozjata għall-provvista ta' servizzi, ħwejjeġ (goods) u xogħlijiet lis-Servizz Pubbliku u lis-Settur Pubbliku separatament kull sena minn Jannar 2019 'il hawn? X'kienu s-servizzi, xogħlijiet eċċ. provduti f'kull każ? Kemm kien il-valur ta' kull kuntratt? Jista', jekk jogħġbu, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-avviż (kuntratt taħt il-proċedura negozjata) ippubblikat?

16/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 162
31/10/2023

**PROĠETTI F'GĦAWDEX U KEMMUNA MILL-MTA**

**12414. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9759 u jgħid xi proġetti saru mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) ġewwa Għawdex u Kemmuna matul l-aħħar sentejn u kemm kienet in-nefqa? Jista' jgħid ukoll xi proġetti saru jew se jsiru mill-MTA ġewwa Għawdex u Kemmuna matul is-sena 2023 u kemm se tkun in-nefqa?

16/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ħadmet fuq dawn il-proġetti:

· Scuttling tal-vapur Hephaestus sabiex issir sikka artifiċjali. Dan il-proġett sar bħala parti mid-Diving Master Plan għal Malta u Għawdex b'nefqa ta' madwar €600,000.
· Preżenza ta' lifeguards f'numru ta' bajjiet f'Għawdex u Kemmuna b'nefqa ta' madwar €420,000 kull sena.
· Restawr tat-Torri tad-Dwejra flimkien ma' Din l-Art Ħelwa b'nefqa ta' madwar €260,000.
· Festival tan-nar b'nefqa ta' madwar €100,000.

Għal din is-sena, l-MTA qed terġa' tkopri l-ispiża ta' madwar €420,000 għal-lifeguards fil-bajjiet, filwaqt li qegħdin jaħdmu sabiex jgħinu lil Din l-Art Ħelwa f'xogħol ta' restawr tat-Torri ta' Kemmuna bi spiża ta' madwar €250,000. Ser ikunu qed jagħtu għajnuna fil-proġett ta' restawr ta' żewġ pitturi ta' Michele Busuttil ġewwa l-Katidral t'Għawdex għal nefqa ta' madwar €35,000.

Seduta 162
31/10/2023

**ANNIMALI LI TTIEĦDU MINGĦAND SIDHOM ĠEWWA GĦAWDEX**

**12415. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' klieb, qtates u annimali oħrajn (f'dak il-każ jispeċifika x' annimali kienu) li ttieħdu mingħand sidhom ġewwa Għawdex mill-Animal Welfare (AW) minn Jannar 2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn l-annimali ngħataw lura lil sidhom u x'kienet ir-raġuni li ngħataw lura?

16/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 162
31/10/2023

**MALTA, GĦAWDEX U KEMMUNA - APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-ĦRUĠ TA' LIĊENZJI GĦAL KIRI TA' UMBRELEL U/JEW DECKCHAIRS**

**12416. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10037 u jgħid, sena b' sena f dawn l-aħħar għaxar snin, kemm kien hemm applikazzjonijiet ġodda minn operaturi u kemm ingħataw permessi u fejn mill-Awtorità tal-Artijiet ġewwa Malta, Għawdex u Kemmuna għal-liċenzja biex jikru umbrelel u/jew deckchairs fuq jew ħdejn il-bajjiet? Jista' jgħid kemm minn dawn ġew milqugħa jew inkella rifjutati? Jista' jgħid ukoll fil-preżent kemm hemm talbiet pendenti? Globalment kemm hemm operaturi li għandhom il-permessi mill-Awtorità tal-Artijiet ġewwa Malta, Għawdex u Kemmuna u fejn jinsabu għal-liċenzja biex jikru umbrelel u/jew deckchairs fuq jew ħdejn il-bajjiet?

16/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**OPERATURI LI GĦANDHOM LIĊENZJA BIEX JIKRU UMBRELEL U/JEW DECKCHAIRS ĦDEJN IL-BAJJIET**

**12417. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10038, rigward operaturi li għandhom liċenzja biex jikru umbrelel u/jew deckchairs ħdejn il-bajjiet kollha, jista' l-Ministru jgħid kemm hi u kif jinħarġu dawn il-liċenzji, kull meta jiġu mħallsa u kif jiġi determinat l-ammont dovut għal din il-liċenzja?

16/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦAL-GĦAWDEX – SEJĦA GĦAL MEDICAL PRACTITIONER/S**

**12418. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid u jispjega fiex tikkonsisti l-espressjoni ta' interess li ħareġ reċentament il-Ministeru għal-Għawdex 'for Medical Practitioner/s to serve in Gozo as may be directed by the Ministry for Gozo' MGOZ EOI 01/2023? Jista' l-Ministru jgħid għala inħasset il-ħtieġa li tinħareġ din l-espressjoni ta' interess u kemm hu l-baġit allokat? Jista' jgħid f' dawn l-aħħar xhur u snin, min kien qed jipprovdi dan is-servizz u kemm kienet l-ispiża biex ġie pprovdut dan is-servizz?

16/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fir-rapport tal-Awditur Ġenerali li ħareġ f'Novembru tal-2022, kien hemm rakkomandazzjoni biex is-sezzjoni tal-kura tal-anzjani tagħmel aktar monitoraġġ rigward is-servizzi residenzjali mogħtija lill-anzjani. Dan it-tip ta' monitoraġġ jista' jsir biss minn xi ħadd tekniku u professjonali fis-saħħa. Peress li fil-Ministeru għal Għawdex m'hemmx persuna professjonali li tista' tagħmel dan it-tip ta' monitoraġġ, inħasset il-ħtieġa li tinħareġ din is-sejħa.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12463. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza (MHSR) inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċievew 122-il talba skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, inkluż l-awtoritajiet pubbliċi. Minn dawn, 65 intlaqgħu, 45 ma ntlaqgħux waqt li 12-il talba għadhom qed ikunu evalwati. Fejn it-talbiet kienu rifjutati dan sar għaliex id-dokumenti mitluba huma esklużi mill-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12464. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li għall-perjodu 2022 sal-lum, jien infurmat illi l-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċievew 8 talbiet. Minn dawn, 6 intlaqgħu, ma kien hemm l-ebda talba li ma nltaqatx, filwaqt li hemm żewġ talbiet li għadhom qed jiġu evalwati.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12465. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li għall-perjodu 2022 sal-lum, infurmat illi l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċievew 64 talba. Minn dawn, 36 intlaqgħu, 22 ma ntlaqgħux waqt li 6 talbiet għadhom qed ikunu evalwati. Fejn it-talbiet kienu rifjutati dan sar għaliex id-dokumenti mitluba huma esklużi mill-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12466. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għall-perjodu 2022 sal-lum, jien infurmat illi l-Ministeru tat-Transport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċievew sittin (60) talba. Minn dawn, wieħed u erbgħin (41) intlaqgħu, tmienja (8) ma ntlaqgħux waqt li ħdax (11) talbiet għadhom qed ikunu evalwati. Fejn it-talbiet kienu rifjutati dan sar għaliex id-dokumenti mitluba huma esklużi mill-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12467. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għall-perjodu 2022 sal-lum, jien informat illi l-Ministeru għat-Turiżmu, inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċevew 121 talba. Minn dawn, 31 intlaqgħu, 50 ma ntlaqgħux waqt li 40 talba għadhom qed ikunu evalwati. Fejn it-talbiet kienu rifjutati dan sar għaliex id-dokumenti mitluba huma esklużi mill-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - TALBIET TAĦT L-ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI**

**12468. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt l-istess dekasteru mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn it-talbiet ġew imwieġba, kemm minnhom għadhom pendenti, u kemm minn dawn it-talbiet ma ntlaqgħux? Għal kull waħda mit-talbiet li ma ntlaqgħux, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan, u jindika lil liema fergħa tad-dekasteru ġew preżentati t-talbiet?

17/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Għall-perjodu 2022 sal-lum, jien infurmat illi l-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, inkluż l-Awtoritajiet Pubbliċi kkonċernati, irċievew 89 talba. Minn dawn, 30 intlaqgħu, 51 ma ntlaqgħux waqt li 8 talbiet għadhom qed ikunu evalwati. Fejn it-talbiet kienu rifjutati dan sar għaliex id-dokumenti mitluba huma eżenti mill-iskop tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - KONSULENTI**

**12495. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti ingaġġati miegħi huma skont kif jipprovdi l-Manwal tas-Servizz Pubbliku.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - KONSULENTI**

**12496. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat magħha f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u tgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-lista ta' policy consultants ingaġġati fuq bażi ta' person of trust jew position of trust tas-Segretarjat tal-Ministru hi skont il-Manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra. Infurmata li fil-preżent hemm 7 policy conultants scale 3 u 2 policy consultants scale 5.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - KONSULENTI**

**12497. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - KONSULENTI**

**12498. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - KONSULENTI**

**12499. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - KONSULENTI**

**12500. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

17/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 ġew ingaġġati żewġ konsulenti miegħi li d-dettalji tagħhom jinsabu fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 162
31/10/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - RWOL TA' INDIVIDWU**

**12513. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10642 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9815, peress li din it-tweġiba mhijiex ċara, jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament huwiex membru ta' bord jew le?

18/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9815.

Seduta 162
31/10/2023

**SEXUAL HEALTH POLICY**

**12514. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11591, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta filfatt se toħroġ is-Sexual Health Policy il-ġdida?

18/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11591.

Seduta 162
31/10/2023

**MEDIĊINA EYELEA GĦALL-PERSUNI LI QED JITILFU D-DAWL TA' GĦAJNEJHOM**

**12515. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11592, minħabba li d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa mhux qed jirrispondi b'mod ċar, jista' jikkonferma li hemm persuni li l-unika mediċina tajba għalihom hija l-Eyelea? Jista' jgħid ladarba jeżistu persuni li ma jistgħux jużaw mediċina oħra, x'suppost jagħmlu dawn il-persuni li bħalissa qed iduru fuq il-Malta Community Chest Fund għall-għajnuna?

18/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li skont l-Avviż Legali 448 ta' 2018 f'każ li konsulent mediku jħoss illi pazjent jista' jibbenifika minn mediċina partikolari li ma tkunx fuq il-formolarju tal-Gvern, l-istess konsulent jista' jagħmel sottomissjoni lill-Exceptional MedicinalTreatment Committee, u jkun dan il-kumitat tekniku li jiddeċiedi dwar il-każ.

Seduta 162
31/10/2023

**NISA TQAL BID-DIJABETE TYPE 1 LI MA ĠEWX OFFRUTI L-CONSTANT GLUCOSE MONITOR WAQT IT-TQALA**

**12516. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11593, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk kienx hemm diskriminazzjoni bejn nisa tqal li mhux kollha ġew offruti l-għażla li jużaw il-Continuous Glucose Monitor?

18/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11593.

Seduta 162
31/10/2023

**BICC - SKILL CARDS**

**12557. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu skill cards mill-Building Industry Consultative Council (BICC), mill-ġurnata li bdew jinħarġu dawn il-cards sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsumin sena b'sena? Jista' jgħid ukoll għal liema skills inħarġu dawn il-cards, u kemm inħarġu skill cards separatament għal kull kategorija?

19/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI**: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Lamra tabella bl-informazzjoni mitluba.

Seduta 162
31/10/2023

**KUNSILL KONSULTATTIV DWAR IL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**12558. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex il-Kunsill Konsultattiv dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni (BCCC) effettivament jibda jopera? Dan ser ikun qed ifisser li l-Building Industry Consultative Council (BICC) ma jibqax jopera? Jista' jgħid ukoll minn fejn ser ikun qed jopera l-BCCC u jagħti tagħrif dwar min qed/ser ikun qed imexxih?

19/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Avviż Legali li jwaqqaf dan il-Kunsill ġie ppubblikat nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023 u tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra nhar it-Tnejn, 30 t'Ottubru 2023. Fi żmien qarib se tkun ippubblikata l-lista tal-membri tal-BCCC. Il-BCCC se jkun qed jissostitwixxi l-BICC.

Seduta 162
31/10/2023

**TAS-SLIEMA - FERRIES TERMINAL - XOGĦLIJIET**

**12582. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11869, fejn intqal 'li x-xogħlijiet fit-terminal tal-ferries f'Tas-Sliema waslu fl-aħħar fażijiet tagħhom', jista' l-Ministru jagħti data ta' meta dan ser jitlesta, fid-dawl li dan huwa proġett pendenti għal aktar minn 5 snin? Jista' jagħti wkoll l-isem tal-kumpanija/kuntrattur(i) li qegħdin jagħmlu dan ix-xogħol?

20/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif indikat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11869, "il-pjan hu li dan il-proġett ikun lest sa tmiem din is-sena." Ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett qed isiru primarjament minn tliet kuntratturi: SB JV responsabbli mill-bini tal-moll, Bezzina Marine Services Ltd. responsabbli mill-manifatturazzjoni u installazzjoni tal-passarelli; u NEM Impresa Colombrita responsabbli mis-superstructure. Dan il-proġett huwa wieħed minn sensiela ta' proġetti li qed isiru biex tkompli tissaħħaħ l-infrastruttura għat-trasport fuq il-baħar.

Seduta 162
31/10/2023

**SAN ĠWANN - TRIQ BELLAVISTA - XOGĦLIJIET**

**12584. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet fuq Triq Bellavista, f'San Ġwann, fid-dawl li parti mit-triq ilha lesta, iżda xorta waħda għadha magħluqa għal pubbliku?

20/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta fi ħdan il-Ministeru, qed twettaq xogħol infrastrutturali ta' din it-triq fuq medda ta' 1.7 kilometru. Wara konsultazzjonijiet li saru mal-partijiet konċernati u l-Kunsill Lokali, intlaħaq ftehim biex ix-xogħlijiet f'din it-triq jitwettqu bi ħsieb u f'numru ta' fażijiet, u dan biex jiġi evitat milli t-triq tingħalaq kompletament b'inkonvenjent għar-residenti, in-negozji u s-sewwieqa. Il-kuntrattur ta' Infrastructure Malta għaddej b'ħidma fit-tieni fażi tal-proġett, b'partijiet oħra tat-triq ikunu ġeneralment aċċessibbli għas-sewwieqa. Minkejja dan, f'ċerti ċirkostanzi, partijiet mit-triq li diġà tlestew ix-xogħlijiet fuqha, jew għad irid isir intervent fuqha, jingħalqu kif meħtieġ minħabba xogħlijiet attwali. Dan isir b'konsiderazzjoni għas-saħħa u s-sigurtà u l-isfidi li jġib miegħu manuvrar ta' makkinarju u

tagħmir tqil biex jitwettqu x-xogħlijiet meħtieġa. Infrastructure Malta qed tagħmel l-almu tagħha biex tillimita l-inkonvenjent għas-sewwieqa, filwaqt li jitwettqu x-xogħlijiet infrastrutturali.

Seduta 162
31/10/2023

**INFRASTRUCTURE MALTA**

**12585. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11874 rigward il-proġett ta' Spinola u Triq Paceville, jista' l-Ministru jagħti data ta' meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet, fid-dawl li dan il-proġett ilu 'l fuq minn 3 snin imħabbar mill-Ministru għat-Turiżmu?

20/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li nirreferu għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11874, ninfurmah li l-proġett ta' Spinola se jiġi implimentat bħala parti minn fażijiet sussegwenti minn entitajiet li jirrispondu lill-Ministeri oħra.

Seduta 162
31/10/2023

**PACEVILLE, SAN ĠILJAN, TAS-SLIEMA U L-GŻIRA - RAPPORTI TA' STORBJU EĊĊESSIV**

**12586. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11879, jista' l-Ministru jwieġeb b'mod sħiħ billi jgħid kemm kien hemm rapporti, maqsuma lokalità b'lokalità, minflok ġabarhom flimkien?

20/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi kien hemm 17-il rapport f'Tas-Sliema u 4 fil-Gżira.

Seduta 162
31/10/2023

**QRATI – AVUKATI TAT-TFAL**

**12624. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-avukati tat-tfal li jservu fil-Qrati Maltin u min huma l-avukati tat-tfal li jservu fil-Qorti ta' Għawdex? Jista' jgħid jekk dawn jaħdmux full-time jew part-time? Jista' jgħid ukoll kif intgħażlu?

23/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellanti illi l-avukati tat-tfal li jservu fil-Qrati ta' Malta u Għawdex huma dawn:

Qorti ta' Malta:- Av. Charmaine Cherrett, Av. Mary Muscat, Av. Sandra Sladden, Av. Stephanie Galea, Av. Tanya Sammut, Av. Tatianne Scicluna Cassar
Qorti ta' Għawdex:- Av. Tatianne Scicluna Cassar

Fir-rigward tal-ingaġġ tagħhom, ninsab infurmat illi l-imsemmija avukati tat-tfal jiġu nominati mill-Qorti każ b'każ, u mhux fuq bażi full jew part-time. Dawn intgħażlu billi wara li nħarġet espressjoni ta' interess pubblikata fil-gazzetti lokali, ġew intervistati minn Bord ta' Selezzjoni. Dawk magħżula ġew nominati mill-Ministeru għal-Ġustizzja skont artikolu 3(1)(b) tal-Liġi Sussidarja 12.20.

Intant ninforma lill-Onor. Interpellant ukoll li bħalissa hemm sejħa pubblika miftuħa għall-avukati tat-tfal li tagħlaq fl-10 ta' Novembru 2023.

Seduta 162
31/10/2023

**QRATI – KAŻIJIET RIFERUTI LILL-AVUKATI TAT-TFAL**

**12625. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet riferuti lill-avukati tat-tfal fil-Qorti ta' Malta u ta' Għawdex bejn l-2015 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u wkoll separatament minn xulxin? Jista' jgħid ukoll kemm ġew riferuti każijiet lil kull avukat separatament fis-snin imsemmija?

23/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi każijiet riferuti lill-avukati tat-tfal fil-Qrati ta' Malta u ta' Għawdex għas-snin 2022 u 2023 huma skont it-tabella indikata ta' hawn taħt. Din l-informazzjoni bdiet tinżamm mill-2022 u għalhekk l-informazzjoni għas-snin 2015 sa 2021 mhux disponibbli.

| Sena | Qorti ta' Malta | Qorti ta' Għawdex |
|---|---|---|
| 2022 | 70 * | 4 |
| 2023 | 69 * | 6 |

* Ma' dan l-ammont irid jiżdied l-ammont ta' 94 li huma inkarigi nominati fil-care orders bejn Lulju 2021 sal-lum, liema proċeduri jinstemgħu bil-magħluq u l-informazzjoni ma tinżammx sena b'sena.
It-tabelli ta' hawn taħt jindikaw kemm ġew riferuti każijiet lil kull avukat separatament għas-snin 2022 u 2023.

| Qorti ta' Malta | | |
|---|---|---|
| | Sena 2022 ** | Sena 2023 ** |
| Av. Charmaine Cherrett | 10 | 11 |
| Av. Mary Muscat | 10 | 11 |
| Av. Sandra Sladden | 10 | 11 |
| Av. Stephanie Galea | 10 | 10 |
| Av. Tanya Sammut | 10 | 10 |
| Av. Tatianne Scicluna Cassar | 10 | 10 |
| Dr. Martha Travers Tauss (sa Ġunju 23) | 10 | 6 |

** Ma' dan l-ammont irid jiżdied l-ammont ta' 94 li huma inkarigi nominati fil-care orders bejn Lulju 2021 sal-lum, liema proċeduri jinstemgħu bil-magħluq u l-informazzjoni ma tinżammx sena b'sena. L-istess avukati jiġu nominati skont roster.

| Qorti ta' Għawdex | | |
|---|---|---|
| | Sena 2022 | Sena 2023 |
| Dr. Tatianne Scicluna Cassar | 4 | 6 |

Seduta 162
31/10/2023

**HOME HELP – PERSUNI LI JAGĦMLU UŻU MINN DAN IS-SERVIZZ**

**12626. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jagħmlu użu mis-servizz tal-Home Help skont il-lokalità u skont l-età, kemm minnhom huma anzjani u kemm huma b'diżabilità? Jista' jgħid ukoll kemm għandhom sigħat ta' għajnuna?

23/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra. L-etajiet ta' dawk li jagħmlu użu mis-servizz tal-Home Help ivarjaw minn 65 sena 'l fuq. Madankollu, hemm ukoll xi każijiet ta' persuni bi bżonnijiet speċjali li għandhom anqas minn 65 sena. Min-naħa l-oħra, is-servizz tal-għajnuna fid-dar ivarja bejn sagħtejn u ħames siegħat fil-ġimgħa. Is-servizz jingħata lill-persuni li għandhom 'il fuq minn 65 sena u persuni li għandhom bżonnijiet speċjali.

Seduta 162
31/10/2023

**HOME HELP – TALBIET**

**12627. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru talbiet għas-servizz tal-Home Help fis-snin 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid kemm minnhom ġew milqugħa u kemm minnhom effettivament bdew jieħdu s-servizz u kemm minnhom għadhom jistennew is-servizz approvat? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet kienu ta' persuni anzjani u kemm minnhom kienu ta' persuni b'diżabiltà?

23/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 162
31/10/2023

**IX-XEMXIJA - RAPPORTI TA' XOGĦOL TA' SKAVAR FIS-SIT TAL-EKS MISTRA VILLAGE**

**12653. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12244 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11824 dwar is-sit tal-eks Mistra Village fix-Xemxija, jista' l-Ministru jgħid fiex kienu jikkonsistu dawn ir-rapporti u meta waslu? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu minn dawn l-awtoritajiet wara li daħlu dawn ir-rapporti?

24/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12378 li ngħatat fis-seduta 160.

Seduta 162
31/10/2023

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TAD-DIJABETE F'MALTA**

**12660. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11601, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika b'mod ċar meta ser toħroġ l-istrateġija l-ġdida tad-dijabete li skadiet tliet snin ilu? Jista' wkoll jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid:
a. liema miri tal-Istrateġija 2015-2020 intlaħqu;
b. liema miri tal-Istrateġija 2015-2020 ma ntlaħqux; u
ċ. meta se jiġi ppubblikat ir-rapport fuq l-effetti tal-Istrateġija 2015-2020?

24/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fl-Istrateġija 2015-2020 intlaħqu dawn il-miri:

a. Kampanji ta' promozzjoni tas-saħħa mmirati speċifikament għal pazjenti dijabetiċi.
Ġie ppubblikat ktejjebmid-direttorat tal-promozzjoni tas-Saħħa, b'kollaborazzjonimad-Dijabetes Education Unit fl-MDH u huwa disponibbli online, Diabetes Living life to the full, b'informazzjoni dwar kif timmaniġġja aħjar id-dijabete.

Żieda fl-awareness dwar il-fatturi ta' riskju għad-Dijabete tat-Tip 2 u kampanji ta' promozzjoni tas-saħħa biex jippromwovu ikel tajjeb għas-saħħa u jżidu l-eżerċizzju fl-etajiet kollha.

Kura aħjar tal-pazjent fil-komunità billi jinfetħu drittijiet ta' preskrizzjoni lit-tobba għal medikazzjoni dijabetika tal-iskeda V u t-tobba privati jistgħu jaraw l-investigazzjonijiet li jordnaw fuq myHealth
Investiment fl-ittestjar tal-Point-of-Care sabiex il-pazjenti jagħmlu t-testijiet tad-demm tagħhom immedjatament u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa jkunu jistgħu jużaw din id-data biex jiggwidawhom aħjar, mingħajr ma jkollhom għalfejn iġibu lill-pazjent lura għal żjara oħra għar-riżultat.

Imnedija klinika ta' qabel id-dijabete fil-kura Primarja għall-immaniġġjar ta' pazjenti b'tolleranza indebolita tal-glucose biex inaqqas l-iżvilupp tad-dijabete.

Kidney clinic fil- Primary Healthcare għall-iskrinjar tad--diabeticnephropathy.

Introduzzjoni ta' mediċini ġodda għad-dijabete.

Żieda fin-numru ta' sticks u siringi għall-monitoraġġ tal-glucose fid-demm.

Tnedija u espansjoni tal-Continuous Glucose Monitors.

Tnaqqis fin-numru ta' ammissjonijiet fl-isptar minħabba l-hypoglycaemia.

F'Mater Dei infetħu kliniċi ta' tranżizzjoni għal pazjenti pedjatriċi ta' bejn l-14 u t-18-il sena biex ittaffi t-tranżizzjoni mid-dijabete pedjatrika għal dik adulta u tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura.

Investiment fir-reklutaġġ ta' HR ġodda – tobba b'interess speċjali fid-dijabete u speċjalisti involuti fil-ġestjoni tad-dijabete.

Investiment fit-taħriġ – grupp ta' tobba rċevew kors ta' taħriġ ta' sena f'Mater Dei biex jispeċjalizzaw aktar fid-dijabete.

It-tisħiħ tas-sistemi tal-IT b'rekords elettroniċi tal-pazjenti fil-kura Primarja u Dashboard fl-Isptar Mater Dei.
Investiment fi screening għall-kumplikazzjonijiet għad-dijabete – Infetħet klinika tas-saqajn fiċ-ċentru tas-saħħa ta' B'Kara.

Ftuħ ta' Sala fi ħdan l-Isptar Mater dei biex tingħata kura aħjar, dedikata għall-pazjenti li jiżviluppaw problemi tas-saqajn biex ikun hemm tnaqqis fin-numru ta' amputazzjonijiet tas-saqajn.

Ħidma interministerjali speċjalment mal-Ministeru għall-Edukazzjoni biex jiġi promoss stil ta' ħajja sana fl-iskejjel biex titnaqqas l-obeżità fit-tfal.

b. Xi wħud mill-miżuri ma ġewx implimentati minħabba l-pandemija tal-Covid-19 li wasslet biex ħafna mill-istaff jissejħu fuq dmirijiet relatati mal-Covid. Dawn huma:

Il-Programm Nazzjonali ta' screening għad-Dijabete
Reġistru Nazzjonali tad-Dijabete
Edukazzjoni għall-istaff fl-iskejjel biex jittrattaw emerġenzi dijabetiċi
Post-partum formalizzat għal pazjenti li jbatu mid-dijabete waqt t-tqala
Reklutaġġ ta' aktar infermiera speċjalizzati.

Seduta 162
31/10/2023

**MEDIĊINI FUQ IL-FORMOLARJU - ANOMALIJI**

**12661. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11602 rigward anomaliji b'mediċini fuq il-Formolarju li huma indikati għal kundizzjoni, imma jkunu tajbin għal kundizzjonijiet oħrajn iżda ma joħroġx permess li jingħataw, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-protokolli hux ser jinbidlu, speċjalment għaliex ser ikunu qegħdin jibbenefikaw aktar pazjenti?

24/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li deċiżjonijiet dwar it-twessigħ ta' protokolli għal mediċini disponibbli fuq il-formularju jittieħdu fil-livell tekniku u permess ta' health technology assessment.

Seduta 162
31/10/2023

**SOVRINTENDENT TAL-PATRIMONJU KULTURALI - REMUNERAZZJONI**

**12669. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12108, fejn ingħad li l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament qiegħed jirċievi benefiċċji "skont il-ftehim kollettiv tal-grad sostantiv tal-individwu kkonċernat", jista' l-Ministru jikkonferma li l-ftehim kollettiv imsemmi huwa b'referenza għall-ftehim kollettiv bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Union Professjonisti fl-Ambjent u fl-Ippjanar (UPAP)?

24/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li il-ftehim kollettiv imsemmi huwa l-ftehim kollettiv bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Unjoni Professjonisti fl-Ambjent u l-Ippjanar (UPAP).

Seduta 162
31/10/2023

**SOVRITENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI - DEBITURI**

**12670. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12266 dwar debituri tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali fejn il-Ministru qal li debitur minnhom hija l-Awtorità tal-Ippjanar u li dan b'konnessjoni ma' "Talba għar-rimborż tas-salarju dovut lis-Sur Kurt Farrugia skont il-ftehim tal-loan" u li jammonta għal €15,611.18, jista' l-Ministru jagħti rendikont tas-servizzi kollha li s-Sur Kurt Farrugia ta lill-Awtorità tal-Ippjanar li għalihom qed jiġi mitlub rimborż?

24/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-ispiża imsemmija tappartjeni għar-rifużjoni tas-salarju u benefiċċji ta' kull tliet xhur tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali.

Seduta 162
31/10/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI - RENDIKONT**

**12671. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12267 dwar passiv kurrenti (current liabilities) għas-snin 2022 u 2023 fejn il-Ministru informa lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għandha bħala kreditur tagħha lill-Awtorità tal-Ippjanar, u ċjoè għandha tħallasha l-ammont ta' €40,082 għas-sena 2022, jista' l-Ministru jagħti lista sħiħa (break down of costs) tas-servizzi jew spejjeż li jiffurmaw dan l-ammont?

24/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-ammont ta' €40,082 li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għandha tagħti lill-Awtorità tal-Ippjanar jirriżulta minn:

1. Rimborż tal-Pagi u Assikurazzjoni Personali, li tkopri mit-3 ta' Diċembru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022, ta' ħames (5) impjegati tal-PA b'self ma' SCH:

| | |
|---|---|
| Jonathan Borg | € 9,822 |
| Kevin Borda | € 8,460 |
| Kenneth Cauchi | € 6,587 |
| Mark Cassar | € 6,235 |
| Audrey Camilleri | € 4,741 |

2. Rimborż tal-Paga u Assikurazzjoni Personali, li tkopri mit-3 ta' Diċembru 2022 sat-13 ta' Diċembru 2022, ta' impjegata (1) tal-PA b'self ma' SCH sat-13 ta' Diċembru 2022.

| | |
|---|---|
| Mandy Gatt | € 4,237 |

Seduta 162
31/10/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – SERVIZZI**

**12672. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9503 dwar servizzi li tagħti s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, jista' l-Ministru jgħid minn liema artiklu tal-liġi (Kap. 445) jinħarġu l-miżati li qed jintalbu għall-"Other Services rendered in terms of Cultural Heritage Act"?

24/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Infurmat li "Other Services rendered in terms of Cultural Heritage Act" jirreferi għal każijiet rari fejn is-Sovrintendenza offriet is-servizzi tagħha għalevalwazzjoni arkeoloġika kemm fuq l-art u kemm taħt il-baħar fin-nuqqas ta' riżorsi umani fis-settur privat. Intant, il-miżati tas-servizzi msemmija jemanu mill-artiklou 59 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali.

Seduta 162
31/10/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – SERVIZZI**

**12673. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9503 dwar servizzi li tagħti s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali taħt il-kategorija "Other Services rendered in terms of Cultural Heritage Act", jista' l-Ministru jipprovdi listi ta' individwi/dipartimenti/entitajiet eċċ. għas-snin 2020, 2021, 2022 u 2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma separatament u bl-ammonti li nġabru minn kull individwu/dipartiment/entità?

24/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

2020

| | |
|---|---|
| Infrastructure Malta | € 4,400 |
| Infrastructure Malta | € 2,750 |

**Total: €7,150**

2021

| | |
|---|---|
| WaterServ Malta | €4,090 |
| Ministry of Inclusion & Social Wellbeing | €37,500 |
| Infrastructure Malta | €3,710 |
| Malta Tourism Authority | €529 |
| Infrastructure Malta | €667 |
| Project Plus Ltd. | €1,081 |
| Infrastructure Malta | €667 |

**Total: €48,244**

2022

| | |
|---|---|
| Infrastructure Malta | €407 |
| WasteServ Malta | €20,000 |
| Infrastructure Malta | €701 |

**Total: €21,108**

2023

| | |
|---|---|
| Infrastructure Malta | €684 |

**Total: €684**

Seduta 162
31/10/2023

**GUARDIANSHIP DEEDS**

**12674. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7660 dwar għotja ta' Atti ta' Kurazija (Guardianship Deeds), jista' l-Ministru jgħid jekk dan id-dewmien (saħansitra snin sħaħ ta' dewmien) huwiex ġustifikat? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx ir-rieda politika biex ikomplu jingħataw Atti ta' Kurazija lil NGOs, jew le?

24/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali pproċessat it-talbiet ta' Atti ta' Kurazija kollha li rċeviet sal-2022. Infurmat li talbiet ġodda ġew ipproċessati u riferuti lill-Awtorità tal-Artijiet, filwaqt li talbiet għal tiġdid ġew ipproċessati u riferuti għand in-Nutar tal-Gvern.

Seduta 162
31/10/2023

**ENEMALTA – XIRI TA' ELETTRIKU - AWDITJAR**

**12727. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk isirx xi forma ta' awditjar indipendenti fuq id-deċiżjonijiet ta' xiri ta' elettriku li tkun qed tagħmel l-Enemalta? Jekk iva, kif isir dan l-awditjar u minn min?

25/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li x-xiri tal-elettriku huwa inkluż fil-pjan ta' tliet snin ta' verifika interna tal-kumpanija, li huwa ppjanat li jinbeda lejn l-aħħar ta' din is-sena u li jiġi konkluż sal-bidu tal-2024. Ix-xiri tal-elettriku li tagħmel Enemalta jaqa' taħt il-cost of sales tal-kumpanija, li jagħmel parti mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħha u li huma verifikati mill-awdituri esterni tal-kumpanija.

Seduta 162
31/10/2023

**SISTEMA TA' DISTRIBUZZJONI TAL-ELETTRIKU - PJAN TA' INVESTIMENT**

**12728. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tippubblika l-pjan ta' investiment ta' €30 miljun f'sena waħda li l-Gvern ħabbar li ser jagħmel fis-sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku, u tagħti break down dettaljat ta' x'ser isir u x'ser jintefaq tal-inqas sa Ġunju li ġej, inkluż Distribution Centres ġodda u/jew upgrades, substations, cables ġodda u/jew reinforcements?

25/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Enemalta tinsab fi stadju avvanzat għall-ippjanar ta' Ċentru tad-Distribuzzjoni ġdid fin-Naxxar u ieħor fis-Siġġiewi, filwaqt li għaddejja bi pjanijiet għall-bini ta' żewġ ċentri oħrajn ġodda li se jsiru fir-Rabat u fil-Kottonera. Għaddejjin ukoll pjanijiet sabiex tirdoppja l-kapaċità fiċ-Ċentri tad-Distribuzzjoni tal-Imsida u St Andrews.

L-Enemalta għaddejja wkoll bi pjan aċċellerat fis-sistema ta' distribuzzjoni tagħha, fejn kull sena qed jiġu kkummissjonati medja ta' bejn 40 u 50 substation ġdida, u jsiru għadd t'upgrades f'substations differenti. Qegħdin jitpoġġew ukoll għadd ta' feeders li jwasslu l-provvista tal-elettriku mis-substations għal għand il-konsumaturi, u kilometri ta' cables oħrajn fuq livell ta' 11kV u 33kV. Barra minn hekk, l-Enemalta għaddejja

wkoll bi proġett t'automation, li huwa mmirat biex is-substations tagħha jkunu jistgħu jiġu kkontrollati miċ-ċenrtu ta' kontroll fil-Marsa, u f'każ ta' ħsara, fejn ikun possibbli jonqos il-ħin t'interruzzjoni.

Seduta 162
31/10/2023

**XEMXIJA - TIĠIEĠ U SRIEDAQ LI NSTABU MEJTA**

**12730. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija paramentari 12246 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11082dwar tiġieġ u sriedak li nstabu mejta fix-Xemxija, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapport tal-investigazzjoni li saret?

25/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għall-informazzjoni li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 162
31/10/2023

**AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI**

**12731. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12277 u 12539 u jgħid jekk l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) bdietx topera, u jekk iva jgħid:
a. minn fejn qiegħda topera;
b. kemm hu l-budget tagħha; u
ċ. kemm għandha impjegati magħha u f'liema skali u pożizzjonijiet?

25/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-awtorità msemmija qed topera b'mod regolari fejn qed taħdem ma' diversi istituzzjonijiet biex tibni sistema edukattiva għal taħriġ lil persuni sportivi. Għaddejin ukoll diskussjonijiet neċessarji sabiex l-awtorità msemmija jkollha uffiċju permanenti. It-total ta' budget li mistenni jkun allokat hu ta' madwar €1,000,000 (Miljun Ewro) filwaqt li bħalissa l-awtorità għandha 8 impjegati li jinkludu CEO, Diretturi, Heads, Officer u Messaġġier.

Seduta 162
31/10/2023

**PERSUNI RESIDENTI F'MALTA U GĦAWDEX**

**12732. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12554 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11668, filwaqt li huwa apprezzat ix-xogħol li jagħmel l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fl-eżerċizzju importanti taċ-ċensiment, peress li dan huwa eżerċizzju li sar sentejn ilu u ma jerġax isir fil-futur qarib, jista' l-Ministru jgħid jekk l-informazzjoni mitluba aġġornata sal-lum tistax tinkiseb mir-rekords ta' Identità (eks Identity Malta), u jekk iva, jista' l-Ministru jgħid kemm huma l-persuni residenti f'Malta u f'Għawdex sal-aħħar ta' Settembru 2023 (jew l-iżjed data riċenti li għaliha din l-informazzjoni hija disponibbli)? Jista' jara li din il-figura tinkludi persuni kemm 'il fuq minn 18-il sena u kemm taħt it-18-il sena u kemm dawk ta' nazzjonalità Maltija u barranija, kif ukoll dawk residenti fi djar tal-anzjani (pubbliċi u privati), sptarijiet (pubbliċi u privati), fiċ-ċentri miftuħa, ċentri ta' detenzjoni u fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin? Barra minn hekk jista' wkoll jaqsam dawn il-figuri skont il-lokalità, f'dan il-format: (Lokalità; Maltin <18-il sena ; Maltin >18-il sena ; Barranin <18-il sena ; Barranin >18-il sena?

25/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li b'żieda ma' dak provdut fiċ-ċensiment, qed niprovdi l-informazzjoni ta' persuni illi għandhom karta tal-Identita' Maltija jew permess validu ta' Residenza Maltija kif indikat fit-tabella riprodotta hawn taħt.
Infurmat illi l-informazzjoni tar-residenti Maltin u Għawdxin taħt l-età ta erbatax -il sena tinżamm minn Ministeru ieħor

| Lokalità | Maltin (14-17) | Maltin 18+ | Single Permit 0-18 | Single Permit 18+ | Non-Eu 0-18 | Non-EU 18+ | EU 0-18 | EU 18+ | Brexit 0-18 | Brexit 18+ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birkirkara | 688 | 17458 | 0 | 3808 | 357 | 926 | 80 | 1451 | 12 | 170 |
| Birżebbuġa | 263 | 7560 | 0 | 1463 | 180 | 503 | 46 | 610 | 8 | 146 |
| Bormla | 125 | 3629 | 0 | 173 | 11 | 96 | 15 | 247 | 2 | 57 |
| Floriana | 36 | 1529 | 0 | 203 | 13 | 72 | 3 | 158 | 1 | 25 |
| Għajnsielem | 81 | 3027 | 0 | 246 | 42 | 113 | 16 | 275 | 6 | 213 |
| Ħad-Dingli | 99 | 3229 | 0 | 59 | 1 | 23 | 3 | 48 | 2 | 12 |
| Ħal Balzan | 109 | 3377 | 0 | 425 | 61 | 144 | 21 | 261 | 3 | 60 |
| Ħal Għargħur | 102 | 2622 | 0 | 158 | 38 | 111 | 48 | 260 | 13 | 72 |
| Ħal Ghaxaq | 152 | 4359 | 0 | 281 | 56 | 99 | 6 | 103 | 0 | 18 |
| Ħal Kirkop | 68 | 2022 | 0 | 78 | 9 | 37 | 5 | 60 | 4 | 11 |
| Ħal Lija | 91 | 2430 | 0 | 391 | 28 | 59 | 18 | 146 | 1 | 45 |
| Ħal Luqa | 132 | 5496 | 0 | 766 | 87 | 245 | 17 | 336 | 3 | 23 |
| Ħal Qormi | 427 | 13421 | 0 | 2071 | 225 | 552 | 28 | 343 | 1 | 36 |
| Ħal Safi | 61 | 1871 | 0 | 316 | 24 | 57 | 5 | 90 | 0 | 17 |
| Ħal Tarxien | 281 | 7372 | 0 | 600 | 55 | 186 | 14 | 165 | 1 | 37 |
| Ħ'Attard | 295 | 9093 | 0 | 660 | 152 | 246 | 76 | 511 | 17 | 105 |
| Ħaż-Żabbar | 525 | 13555 | 0 | 854 | 136 | 411 | 23 | 313 | 1 | 48 |
| Ħaż-Żebbug (Malta) | 372 | 10595 | 0 | 973 | 70 | 228 | 32 | 404 | 7 | 80 |
| Il-Belt Valletta | 126 | 4516 | 0 | 153 | 25 | 157 | 8 | 359 | 1 | 81 |
| Il-Birgu | 45 | 1853 | 0 | 64 | 8 | 66 | 10 | 171 | 1 | 66 |
| Il-Fgura | 348 | 9540 | 0 | 1317 | 146 | 358 | 24 | 290 | 2 | 33 |
| Il-Fontana | 34 | 838 | 0 | 64 | 8 | 39 | 5 | 44 | 0 | 24 |
| Il-Gudja | 66 | 2594 | 0 | 200 | 17 | 40 | 4 | 103 | 0 | 9 |
| Il-Gżira | 106 | 4641 | 0 | 2624 | 270 | 975 | 127 | 2587 | 11 | 212 |
| Il-Ħamrun | 205 | 7057 | 0 | 2225 | 192 | 541 | 35 | 447 | 5 | 65 |
| Il-Kalkara | 58 | 2479 | 0 | 110 | 41 | 106 | 13 | 131 | 1 | 42 |
| Il-Marsa | 100 | 3586 | 0 | 779 | 103 | 416 | 7 | 96 | 0 | 12 |
| Il-Mellieħa | 281 | 8387 | 0 | 1493 | 186 | 525 | 198 | 1481 | 63 | 708 |
| Il-Mosta | 587 | 17179 | 0 | 1874 | 214 | 532 | 157 | 1039 | 19 | 208 |
| Il-Munxar | 32 | 1198 | 0 | 172 | 67 | 213 | 13 | 159 | 4 | 142 |
| Il-Qala | 57 | 2184 | 0 | 49 | 29 | 78 | 17 | 223 | 5 | 190 |
| Il-Qrendi | 88 | 2479 | 0 | 109 | 2 | 24 | 3 | 76 | 9 | 30 |
| In-Nadur | 124 | 4271 | 0 | 119 | 19 | 85 | 25 | 239 | 6 | 180 |
| In-Naxxar | 406 | 11769 | 0 | 1047 | 168 | 437 | 142 | 1113 | 53 | 317 |
| Ir-Rabat (Għawdex) | 162 | 5792 | 0 | 689 | 79 | 286 | 39 | 367 | 10 | 180 |
| Ir-Rabat (Malta) | 301 | 9651 | 1 | 529 | 48 | 157 | 27 | 344 | 7 | 91 |
| Is-Siġġiewi | 251 | 7502 | 0 | 254 | 40 | 137 | 14 | 183 | 1 | 46 |
| Is-Swieqi | 291 | 7119 | 1 | 1478 | 433 | 1148 | 249 | 2242 | 56 | 336 |
| Ix-Xagħra | 129 | 4552 | 0 | 296 | 40 | 157 | 36 | 343 | 13 | 264 |
| Ix-Xewkija | 85 | 3014 | 0 | 212 | 13 | 67 | 15 | 158 | 13 | 107 |
| Ix-Xgħajra | 62 | 1485 | 0 | 234 | 27 | 119 | 14 | 164 | 2 | 26 |
| Iż-Żebbug (Għawdex) | 56 | 2566 | 0 | 430 | 136 | 520 | 47 | 528 | 5 | 224 |
| Iż-Żejtun | 356 | 10047 | 0 | 450 | 56 | 150 | 24 | 219 | 2 | 30 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-Żurrieq | 365 | 9804 | 0 | 353 | 56 | 176 | 21 | 342 | 3 | 47 |
| L-Għarb | 59 | 1274 | 0 | 60 | 16 | 55 | 12 | 169 | 7 | 119 |
| L-Għasri | 20 | 446 | 0 | 3 | 1 | 17 | 4 | 49 | 1 | 45 |
| L-Iklin | 57 | 2649 | 0 | 276 | 30 | 78 | 14 | 165 | 3 | 24 |
| L-Imdina | 1 | 189 | 0 | 7 | 0 | 5 | 1 | 12 | 0 | 4 |
| L-Imġarr | 142 | 3652 | 0 | 174 | 31 | 88 | 29 | 264 | 8 | 81 |
| L-Imqabba | 118 | 2839 | 0 | 110 | 6 | 27 | 3 | 74 | 6 | 17 |
| L-Imsida | 159 | 5327 | 1 | 4480 | 368 | 1167 | 97 | 2373 | 8 | 161 |
| L-Imtarfa | 97 | 2128 | 0 | 31 | 5 | 16 | 2 | 34 | 1 | 5 |
| L-Isla | 40 | 1893 | 0 | 100 | 10 | 71 | 6 | 151 | 2 | 59 |
| Marsaskala | 409 | 10425 | 1 | 1563 | 522 | 1352 | 275 | 1963 | 31 | 414 |
| Marsaxlokk | 117 | 3028 | 0 | 273 | 26 | 92 | 21 | 172 | 3 | 37 |
| Paola | 169 | 6195 | 0 | 957 | 187 | 440 | 8 | 199 | 2 | 45 |
| Pembroke | 97 | 2669 | 0 | 135 | 47 | 105 | 40 | 170 | 7 | 36 |
| San Ġiljan | 158 | 6333 | 0 | 2502 | 292 | 1287 | 160 | 3004 | 34 | 402 |
| San Ġwann | 320 | 9645 | 0 | 1602 | 293 | 746 | 133 | 1493 | 30 | 202 |
| San Lawrenz | 12 | 632 | 0 | 47 | 7 | 9 | 4 | 77 | 1 | 56 |
| San Pawl il-Baħar | 435 | 13876 | 4 | 10279 | 1139 | 2586 | 581 | 5581 | 99 | 1433 |
| Santa Luċija | 56 | 2344 | 0 | 55 | 2 | 30 | 0 | 11 | 0 | 6 |
| Santa Venera | 237 | 5928 | 0 | 1153 | 159 | 327 | 38 | 461 | 8 | 50 |
| Ta' Kerċem | 49 | 1634 | 0 | 51 | 9 | 48 | 2 | 50 | 2 | 60 |
| Ta' Sannat | 68 | 1986 | 0 | 47 | 19 | 72 | 10 | 120 | 0 | 91 |
| Ta' Xbiex | 34 | 1313 | 0 | 259 | 25 | 143 | 28 | 336 | 8 | 79 |
| Tal-Pieta' | 65 | 2774 | 0 | 1801 | 149 | 435 | 52 | 799 | 4 | 53 |
| Tas-Sliema | 222 | 11150 | 0 | 2642 | 648 | 2037 | 485 | 5217 | 61 | 705 |

Seduta 162
31/10/2023

**MAGĦTAB - WASTE-TO-ENERGY PLANT**

**12733. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 12606 u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-tender documents kollha, ta' kull stadju tal-proġett tal-Waste-to-Energy facility imħabbar għall-Magħtab?

25/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lil-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 162
31/10/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12737. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12738. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12739. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12740. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12741. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta' meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f'liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f'liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA' FLUS MINN FTEHIM**

**12742. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'qed jagħmel biex jirkupra l-flus mill-ftehim frodulenti li jinvolvi tliet sptarijiet tal-Maltin u l-Għawdxin mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Gvern ilu numru ta' xhur li daħal f'arbitraġġ internazzjonali taħt il-kappa tal-International Chamber of Commerce fejn qed jagħmel il-każ tiegħu fl-interess ta' Malta.

Seduta 162
31/10/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - SERVIZZI U SPEJJEŻ IMĦALLSA LIS-SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI**

**12758. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħallset flus l-Awtorità tal-Ippjanar lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali mill-1 ta' Jannar 2013, maqsuma sena b'sena, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u jelenka lista tas-servizzi u spejjeż li ffurmaw dawn l-ammonti, sena b'sena għal kull servizz jew spiża?

25/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 162
31/10/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - IMPJEGATI**

**12759. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jippreżenta lista ta' impjegati tal-Awtorità tal-Ippjanar li qegħdin jaħdmu f'Ministeri, entitajiet, aġenziji, dipartimenti jew kumpaniji tal-Gvern, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jelenka kull persuna fejn qiegħda taħdem, ir-rwol li qiegħda tokkupa, minn meta bdiet taħdem, u x'mekkaniżmu ntuża għal ingaġġ fil-post tal-impjieg/rwol kurrenti (on loan, on leave without pay, detailing, secondment, eċċ.)?

25/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 162
31/10/2023

**SPTAR MATER DEI - UNIT TAL-PSIKJATRIJA**

**12760. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser jerġa' jinfetaħ il-Unit tal-Psikjatrija fl-Isptar Mater Dei?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 9789 u 12560.

Seduta 162
31/10/2023

**SPTAR MATER DEI - OUT PATIENTS TAL-PSIKJATRIJA**

**12761. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser jerġa' jibda jopera l-Out Patients tal-Psikjatrija fl-Isptar Mater Dei?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi każi akuti ta' mard mentali li jidħlu l-Emerġenza jingħataw kura minn tim psikjatriku residenti fl-Isptar Mater Dei. Servizz ta' Emerġenza Psikjatrika fl-Isptar Mater Dei hu offrut fuq bażi ta' 24 siegħa. Barra minn hekk, illum servizzi ta' out patients tas-saħħa mentali qed jiġu provduti minn ċentri tas-saħħa skont ir-reġjun.

Seduta 162
31/10/2023

**KLINIĊI TAL-PSIKJATRIJA – APPUNTAMENTI LI ĠEW IKKANĊELLATI**

**12762. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jipprovdi tabella li turi b'mod ċar kemm kien hemm appuntamenti li ġew ikkanċellati f'kull waħda mill-kliniċi tal-psikjatrija f'Malta u Għawdex xahar b'xahar, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni se tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 162
31/10/2023

**KLINIĊI TAL-PSIKJATRIJA – PERSUNI LI JIEĦDU SERVIZZ**

**12763. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jipprovdi tabella li turi b'mod ċar kemm kien hemm persuni li jieħdu servizz (service users) mill-kliniċi tal-psikjatrija f'Malta u Għawdex, maqsuma xahar b'xahar, mill-1 ta' Jannar 2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11017.

Seduta 162
31/10/2023

**SERVIZZI TA' KURA BARRA MINN MALTA - TALBIET MIĊĦUDA**

**12768. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12323, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika n-numru ta' każijiet li l-awtorizzazzjoni jew ir-rimborż tal-ispejjeż għal kura barra minn Malta, ġew miċħuda fis-snin 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba minnu tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Year | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|
| Refused Prior- Authorisation | 0 | 0 | 0 | 2 |
| Refused reimbursement | 0 | 1 | 0 | 2 |

Seduta 162
31/10/2023

**IR-RABAT - SKOLA PRIMARJA B**

**12769. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqijiet parlamentari 11998 u 12561 u jgħid meta nbniet l-Iskola magħrufa bħala Primarja B tar-Rabat, li tinsab fi Triq Ferris kantuniera ma' Triq Rudolf Saliba?

25/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li issa m'għadx hemm iżjed distinzjoni bejn Skola Primarja A u Skola Primarja B għax ingħaqdu fi skola primarja waħda taħt Kap ta' Skola waħda.
Din l-iskola nbniet f'fażijiet differenti u b'investiment ta' madwar €3.5 miljun twettaq proġett ta' immodernizzar sħiħ fejn twaqqgħu is-soqfa tas-sular ta' fuq u reġgħu nbnew mill-ġdid, filwaqt li nbena sular ieħor ġdid li b'hekk ifisser iżjed klassijiet u iżjed tfal.
Dan il-proġett ta' immodernizar jinkludi wkoll tqegħid tas-servizzi kollha mill-ġdid, kisi u tibjid tal-ħitan kollu kemm minn ġewwa u kif ukoll minn barra, tqegħid ta' madum u rħam ġdid, installazjoni ta' aperturi ġodda kemm fuq barra u kif ukoll fuq ġewwa, faċilitajiet sanitarji ġodda għal kulħadd, installazjoni tas-suffetti mal-iskola kollha, installazjoni ta' lift ġdid, għamara ġdida fil-klassijiet u l-uffiċini, ħolqien ta' gym ġdid, spazji ġodda għall-breakfast club, sala ġdida li tista' tintuża għall-attivitajiet varji, turf artifiċjali ġdid fiż-żewġ btieħi tal-iskola, ħolqien ta' post ta' rikreazzjoni b'turf artifiċjali fuq il-bejt, installazjoni ta' arja kkondizjonata mal-binja kollha, installazjoni ta' sistemi kontra t-tifi tan-nar, installazjoni ta' alarms u kameras tas-sigurtà, u kif ukoll installazjoni ta' panelli fotovoltajiċi.

Seduta 162
31/10/2023

**ABBOZZ TA' LIGI BIT-TITOLU 'ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TA' PERSUNI ANZJANI VULNERABBLI U PERSUNI ADULTI B'DIŻABILITÀ'**

**12775. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 12393, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva, u tgħid meta ser ikun qed jiġi ppreżentat fil-Parlament l-Abbozz ta' Liġi bit-titolu 'Att dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Anzjani Vulnerabbli u Persuni Adulti b'Diżabilità', li ħareġ għall-konsultazzjoni fis-sena 2017?

25/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet sabiex dan l-Abbozz ta' Liġi jerġa' joħroġ għall-konsultazzjoni pubblika biex eventwalment ikun jista' jitla' f'livell Parlamentari.

Seduta 162
31/10/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR, IL-MELLIEĦA U N-NAXXAR - TENDERS GĦAL XOGĦLIJIET**

**12777. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12293, fejn jingħad li la l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) u lanqas xi entità li taqa' taħtha ma ħarġu tenders għax-xogħlijiet fil-Mellieha, fin-Naxxar u f'San Pawl il-Baħar li saru dikjarazzjonijiet dwarhom mill-Ministru, jista' l-Ministru jgħid minn min inħarġu t-tenders għal dawn l-istess xogħlijiet?

26/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tender tat-tisbiħ tal-Belveder ħareġ mill-Ministeru għat-Turiżmu.

Seduta 162
31/10/2023

**TRASFERIMENT TA’ ART MINN BDIEWA**

**12778. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x’inhi r-raġuni li għaliha bdiewa li qed jitolbu li jgħaddu art tal-Gvern lil uliedhom wara l-mewt tal-persuna li tkun reġistrata fuqha l-art, qed jintalbu biex jippreżentaw pjanti fl-iskala ta’ 1:100, u dan bi spejjeż żejda għalihom?

26/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI**: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ġejt infumat mill-Awtorità tal-Artijiet li l-pjanta 1:100 indikata f’din il-mistoqsija parlamentari tintalab biss f’każ jekk fuq il-proprjetà li fuqha jintalab trasferiment hemm xi strutturi mibnija. F’każ li l-istrutturi jkunu nbnew wara l-1968 u jkunu koperti b’permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, dan għandu jiġi provdut ukoll.

Seduta 162
31/10/2023

**IR-RABAT, BELVEDER TA' GĦERIEXEM - TĦAWWIL TA' SIĠAR ĠODDA**

**12785. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12563 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u jgħid meta ser isir it-tħawwil ta' siġar ġodda minflok is-siġar li mietu minħabba nuqqas ta' tisqija fil-Belveder ta' Għeriexem, ir-Rabat?

26/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tar-Rabat (Malta) illi xi siġar li tħawlu minn l-entità kkonċernata fi Triq Għeriexem mhux veru li mietu minħabba nuqqas ta' tisqija u dan propju għaliex dawn għandhom sistema awtomatika biex jissaqqew waħidhom.

Madankollu, infurmat illi l-Kunsill hu konxju li l-konki ta' xi wħud mis-siġar tul il-belveder mhux fondi biżżejjed, u l-għeruq ta' wħud minn dawn is-siġar jidhru li ma qabdux l-art. Infurmat ukoll li hemm konki oħrajn li lanqas biss tħawlu fihom siġar minħabba din ir-raġuni - iżda tħawlu fihom arbuxxelli biss.

F’dan l-isfond, infurmat li l-Kunsill Lokali tar-Rabat se jerġa' jħawwel dawn is-siġar mil-ġdid hekk kif l-ajru jaqleb xi ftit minn wieħed sħun għal wieħed aktar frisk biex iċ-ċans li jaqbdu s-siġar il-ġodda jkun wieħed dejjem akbar.

Infurmat li dan ser iseħħ skont prattiċi użati fil-qasam agrikolu.

Seduta 162
31/10/2023

**IR-RABAT, BELVEDER TA' GĦERIEXEM - TĦAWWIL TA' SIĠAR ĠODDA**

**12786. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12563 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u jgħid meta ser isir it-tħawwil ta' siġar ġodda minflok is-siġar li mietu minħabba nuqqas ta' tisqija fil-Belveder ta' Għeriexem, ir-Rabat?

26/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023
**SAĦĦA MENTALI - NEFQA FUQ KAMPANJA TA' PREVENZJONI**

**12787. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12564, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kienet in-nefqa fuq il-promozzjoni għas-saħħa mentali bejn Jannar u Diċembru 2022 u bejn Jannar u Ottubru 2023?

26/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12564.

Seduta 162
31/10/2023

**BIRKIRKARA – TRIQ Ġ. DIMECH DEBONO – LIFT**

**12790. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitranġa l-lift f'Binja Vista, Entratura I, fi Triq Ġ. Dimech Debono, f'Birkirkara li ilu wieqaf xhur sħaħ?

26/10/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-residenti ta' dan il-blokk issottomettew applikazzjoni mal-Awtorità tad-Djar biex jiġi nstallat lift ġdid fil-blokka tagħhom minħabba li l-lift eżistenti ma setax jissewwa. L-applikazzjoni ġiet sottomessa f'Settembru 2023. Il-manutenzjoni ta' dawn il-liftijiet tibqa' dejjem dmir tal-inkwilini.

Seduta 162
31/10/2023

**BAĠIT 2023 – MIŻURA DWAR PROĠETTI ĦODOR MINN SMES**

**12808. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għal miżura tal-Baġit 2023 li permezz tagħha twessgħet l-eliġibbiltà tal-SME Tailored Facility tal-Bank Malti għall-Iżvilupp (MDB) biex ikunu jistgħu jsiru aktar proġetti ħodor, anke mis-settur privat, tista' l-Ministru tgħid jekk kienx hemm kumpaniji li għamlu użu minn din il-miżura? Jekk fl-affermattiv, kemm kienu dawn u minn liema settur kienu ġejjin? Kemm ġew allokati riżorsi finanzjarji u x'kienu l-proġetti magħmula?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 162
31/10/2023

**BAĠIT 2023 – TAX CREDITS GĦALL-ĦOLQIEN TA' GREEN JOBS**

**12809. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk kienx hemm kumpaniji li applikaw għal tax credits għaliex ħolqu xi tip ta' green jobs kif kien ġie mwiegħed fil-Baġit 2023? Jekk fl-affermattiv, x'kienu dawn il-green jobs ġodda maħluqa u f'liema settur?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li kien hemm diversi kumpaniji illi applikaw għal skemi tal-Malta Enterprise u ħolqu diversi mpjiegi magħrufa bħala green jobs. Barra minn hekk, Malta Enterprise żiedet ukoll taħriġ għal green jobs bħala kriterju li wieħed jista' japplika għalih fl-iskema Skills Development li ġiet imnedija f'Awwissu li għadda. Tnediet ukoll skema sabiex jiġu inċentivati kumpaniji li japplikaw għal konsulenza biex jintlaħqu il-kriterji tal-ESG.

Seduta 162
31/10/2023

**BAĠIT 2023 - GREEN BONDS**

**12810. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk inħarġux xi tip ta' green bonds għal kumpaniji li wettqu proġetti ambjentali kif kien imwiegħed fil-Baġit 2023?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, permezz tal-kumpanija sussidjarja tagħha Clearflowplus, nediet b'suċċess l-ewwel Green Bonds f'Malta b'valur ta' €25 miljun, tant li dawn inħatfu mill-investituri fi ftit sigħat wara li nħarġu għall-pubbliku. Id-dħul mill-green bonds se jintuża għall-finanzjament ta' firxa ta' inizjattivi eko-konxji u proġetti ambjentali. Dawn jinkludu l-impjant tar-reverse osmosis f'Ħondoq ir-Rummien, impjanti ta' pannelli solari, titjib fis-sistemi tat-trattament tad-drenaġġ, inqas telf ta' ilma, tisħiħ fl-effiċjenza tas-sistemi tal-kontijiet u tisħiħ tal-infrastruttura tad-distribuzzjoni tal-ilma.

Nirreferi wkoll lill-Onor. Interpellanta għal dak li ntqal fid-Diskors tal-Baġit 2024.

Seduta 162
31/10/2023

**SPAZJI MIFTUĦA ĠODDA**

**12811. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il spazju miftuħ ġdid inħoloq ġewwa pajjiżna f'din l-aħħar sena? Tista' tgħid liema kienu u kemm ġew jiswew? Tista' tgħid ukoll kemm ġew investiti mis-€700 miljun allokati għal dan il-għan?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li minn meta twaqqfet fil-bidu ta' din is-sena, Project Green diġà ħabbret aktar minn €50 miljun investiment f'diversi proġetti madwar Malta u Għawdex. Dawn jinkludu proġetti li se jsiru fil-lokalitajiet ta' San Ġwann, Mosta, fil-Kottonera, Tal-Pietà, Żurrieq, Raħal Ġdid, Marsaxlokk, San Pawl il-Baħar, Msida, Ħal Għargħur, Għajnsielem, Għaxaq, Mellieħa, Mtarfa, Santa Venera, kif ukoll l-ewwel ġnien carbon-neutral fil-gżira Għawdxija li se jsir fix-Xewkija.

Fl-istess waqt, din is-sena diġà tlestew aktar minn 45,000 metru kwadru f'ġonna u spazji miftuħa ġodda jew riġenerati madwar il-pajjiż, fosthom il-Park tal-Familja ta' Bengħajsa, u proġetti f'Ħal Safi, Ħaż-Żabbar, Ta' Qali, il-Qrendi, Marsaskala u l-Gudja.

Seduta 162
31/10/2023

**BAĠIT 2023 – ŻONI PEDONALI U PARKEĠĠI TAĦT L-ART**

**12812. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk inħolqux xi żoni pedonali jew xi parkeġġi taħt l-art f'xi belt jew raħal kif kien ġie mwiegħed fil-Baġit 2023?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li Project Green diġà ħabbret u ssottomettiet l-applikazzjonijiet għand l-Awtorità tal-Ippjanar għall-implimentazzjoni ta' proġett fi Triq San Pawl, Bormla, għal parkeġġ taħt l-art li fuqu jippermetti spazju miftuħ, kif ukoll proġett ieħor ta' parkeġġ taħt l-art li fuqu mbagħad se jkun hemm ġnien pubbliku li jagħmel parti integrali mill-proġett ta' San Ġwann kif spjegajt fit-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11867.

Seduta 162
31/10/2023

**URBAN GREEN RECLAMATION**

**12813. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-konċett ta' urban green reclamation, u ċjoè li binjiet pubbliċi jew anke privati jiġu kkonvertiti fi spazji miftuħa pubbliċi, ġiex imwettaq matul din is-sena kif kien imwiegħed? Hemm xi postijiet li ġew użati għal dan l-iskop?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-politika ta' kif ser jaħdem il-mekkaniżmu ta' urban green reclamation qed tiġi żvillupata. Sadanittant, permezz tal-Community Greening Grant, Project Green qiegħda tmexxi żewġ proġetti flimkien ma' applikanti privati, li jinsabu fuq art privata u eventwalment dawn se jsiru aċċessibbli għall-pubbliku.

Seduta 162
31/10/2023